Nru. 17,532
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, 2004
Friday, 23rd January, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 54

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-23 ta' Jannar, 2004
(File No. L484/83/V)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Frar 1985 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 155, il-President ta' Malta, kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:

GOVERNMENT NOTICES

No. 54

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

23rd January, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the President of Malta Declaration published in the Government Gazette of the 22nd February 1985 under Notice No. 155, the President of Malta, had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Naxxar:

1. Kumpless rurali bla numru li jikkonsisti f'7 ikmamar u 5 btieħi, aċċessibli minn sqaq bla isem li jisbokka fi Triq il-Labour, tal-kejl totali ta' 141.25 metri kwadri, li jmiss mill-Grigal, mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata fuq il-pjanta L.D. 127D/83 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-20 ta' Jannar, 2004

1. A rural complex without number consisting of 7 rooms and 5 yards, accessible from an alley without name leading to Triq il-Labour, of the total area of 141.25 square metres, bounded on the North East, on the North West and on the South West by Government property.

The abovementioned land is shown marked on plan marked L.D. 127D/83 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

20th January, 2004

Nru. 55

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-23 ta' Jannar, 2004
(File No. L695/65)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Settembru, 1965 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 585, il-Gvernatur Ġenerali, kien iddikjara illi biċċa art f'Ħ'Attard tal-kejl ta' 1 tomna, 3 sieghan u 9 kejliet (1,854.7 metru kwadru), li tmiss mit-Tramuntana parti ma' proprjetà tas-Sinjorina Grace Tonna u parti ma' proprjetà tas-Sur George Cini, mil-Lvant parti ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Ciappara u tas-Sur George Cini u parti ma' proprjetà tas-Sur Paul Gauci, u min-Nofsinhar mal-bqija ta' l-art li minnha tagħmel parti, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex

No. 55

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

23rd January, 2004

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Governor General published in the Government Gazette of the 28th September, 1965 under Notice No. 585, the Governor General, had declared that the plot of land at Attard of the area of 1 tomna, 3 sieghan and 9 kejliet (1,854.7 square metres), bounded on the North party by property of Miss Grace Tonna and partly by property of Mr George Cini, on the East partly by property of Mr Salvatore Ciappara and Mr George Cini and partly by property of Mr Paul Gauci, and on the South with the rest of the land of which it makes part, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is

aktar meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'H'Attard:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 81.8 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Victor Tonna u min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sinjura Anna Gauci u oħrajn;

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 202 metri kwadri, li tmiss mill-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sinjura Anna Gauci u oħrajn u mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Ciappara;

3. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 121 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Victor Tonna u oħrajn, u mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Ciappara.

L-art hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati bil-kuluri blu, isfar u aħmar bħala *plots* bl-ittri B, Ċ u D rispettivament fuq pjanta markata L.D. 156/86/1/A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-20 ta' Jannar, 2004

no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Attard:

1. A plot of land of the area of 81.8 square metres, bounded on the North East by property of Mr Victor Tonna and on the South and the West by property of Mrs Anna Gauci and others;

2. A plot of land of the area of 202 square metres, bounded on the South West by property of Mrs Anna Gauci and others and on the North and the East by property of Mrs Salvatore Ciappara;

3. A plot of land of the area of 121 square metres, bounded on the West by property of Mr Victor Tonna and others, and on the North and the South by property of Mr Salvatore Ciappara.

The abovementioned land are shown marked with the colour blue, yellow and red as plots with the letters B, C and D respectively on plan marked LD 156/86/1/A, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

20th January, 2004

Nru. 56

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-23 ta' Jannar, 2004
(File No. L687/87)

No. 56

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

23rd January, 2004

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni ta' l-Aġent President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Novembru 1987 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 691, l-Aġent President ta' Malta, kien iddikjara illi biċċa art f'Ħaż-Żabbar tal-kejl ta' 1,518 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant parti ma' proprjetà tas-Sur Norman Buckle u oħrajn u parti ma' triq pubblika, mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' triq pubblika, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħaż-Żabbar:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 62 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant, mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Apap Bologna.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 73 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u min-Nofsinahr ma' proprjetà tas-Sur Apap Bologna.

L-artijiet hawn fuq imsemmija jidhru immarkati bil-kulur aħmar bħala *plots* bl-ittri B u C rispettivament fuq il-pjanta markata L.D. 166/87/1 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-20 ta' Jannar, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Acting President of Malta Declaration published in the Government Gazette of the 20th November 1987 under Notice No. 691, the Acting President of Malta, had declared that the plot of land in Żabbar of the area about 1,518 square metres, bounded on the East by part of property of Mr Norman Buckle and others and part of public street, on the South West and on the North East by a public street, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Żabbar:

1. A plot of land of the area of about 62 square metres, bounded on the East, on the North and on the South East by property of Mr Apap Bologna.

2. A plot of land of the area of about 73 square metres, bounded on the North, on the North East and on the South by property of Mr Apap Bologna.

The abovementioned lands are shown marked in colour red as plots with letters B and C respectively on plan marked L.D. 166/87/1 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

20th January, 2004

Nru. 57

ATT TA' L-2003 DWAR L-UGWALJANZA GĦALL-IRĠIEL U N-NISA (KAP. 456)

Ħatra ta' Kummissarju u Membri tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Kap. 456), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Prim Ministru

No. 57

EQUALITY FOR MEN AND WOMEN ACT, 2003 (CAP. 456)

Appointment of Commissioner and Members of the National Commission for the Promotion of Equality for Men and Women

IN exercise of the powers conferred by section 11 of the Equality for Men and Women Act of 2003 (Cap. 456), and for the purpose of that Act, the Prime Minister has

ħatar il-Kummissarju u l-membri tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa kif ġej:-

Kummissarju
Dott. Janet Mifsud, B.Pharm. (Hons.), Ph.D. (QUB) (Belfast)

Membri
Ms Grace Attard
Dott. Miriam Camilleri, M.D., M.Sc., DLSHTM
Is-Sur Mario Mallia, B.Educ.
In-Nutar Myriam Spiteri Debono, B.A. (Hons.), Dip. NP
Rev. Dott. Vanni Xuereb, LL.D., B.S.Th
Is-Sur Winston J. Zahra, B.A. (Hons.), Dip.M, FHCIMA

Dawn il-ħatriet huma validi għall-perijodu ta' sentejn, b'seħħ mill-14 ta' Jannar, 2004.

It-23 ta' Jannar, 2004

appointed the Commissioner and the members of the National Commission for the Promotion of Equality for Men and Women as follows:-

Commissioner
Dr Janet Mifsud, B.Pharm. (Hons.), Ph.D. (QUB) (Belfast)

Members
Ms Grace Attard
Dr Miriam Camilleri, M.D., M.Sc., DLSHTM
Mr Mario Mallia, B.Educ.
Notary Myriam Spiteri Debono, B.A. (Hons.), Dip. NP

Rev. Dr Vanni Xuereb, LL.D., B.S.Th
Mr Winston J. Zahra, B.A. (Hons.), Dip.M, FHCIMA

These appointments are valid for a period of two years with effect from the 14th January, 2004.

23rd January, 2004

Nru. 58

ATT TA' L-2003 DWAR IL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL (KAP. 462)

Ħatra ta' Kunsill għat-Tfal

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-2003 dwar il-Kummissarju għat-Tfal (Kap. 462), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali ħatar il-Kunsill għat-Tfal għal perijodu ta' sena b'seħħ mid-19 ta' Jannar, 2004 kif ġej:

Chairperson
Ms Sonia Camilleri, B.A.(Hons.)

Membri
Spett. Louise Calleja
Is-Sur Leonard Callus
L-Onor. Helen D'Amato, M.P.
Dott. Anna Felice, LL.D.
Ms Micheline Sciberras, Dip.Y.S., B.Ed(Hons.), M.A.(Durham)
Dott. Richard Zammit, M.D., M.Sc.

L-20 ta' Jannar, 2004

No. 58

COMMISSIONER FOR CHILDREN ACT, 2003 (CAP. 462)

Appointment of Council for Children

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 12 of the Commissioner for Children Act of 2003 (Cap. 462), and for the purpose of that Act, the Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy has appointed the Council for Children for a period of one year with effect from the 19th January, 2004 as follows:

Chairperson
Ms Sonia Camilleri, B.A.(Hons.)

Members
Insp. Louise Calleja
Mr Leonard Callus
Hon. Helen D'Amato, M.P.
Dr Anna Felice, LL.D.
Ms Micheline Sciberras, Dip.Y.S., B.Ed(Hons.), M.A.(Durham)
Dr Richard Zammit, M.D., M.Sc.

20th January, 2004

Nru. 59

ATT TA' L-2003 DWAR IR-RISTRUTTURAR TAT-TARZNARI (ATT NRU. XV TA' L-2003)

Notifikazzjoni mill-Ministru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment

SKOND l-Artikolu 3 (2) ta' l-Att ta' l-2003 dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari, il-Ministru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment stabilixxa li l-azzjonijiet kollha pendenti quddiem xi Qorti jew Tribunal li jkunu nbdew minn jew kontra t-Tarzna ta' Malta jew il-"Malta Shipbuilding Company Ltd" għandhom jitkomplew minn jew kontra s-Sur Saviour Gauci, uffiċjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, f'isem il-Gvern.

It-23 ta' Jannar, 2004

No. 59

DOCKYARD AND SHIPBUILDING YARD (RESTRUCTURING) ACT, 2003 (ACT NO. XV OF 2003)

Notice by the Minister for Information Technology and Investment

IN terms of Article 3 (2) of the Dockyard and Shipbuilding Yard (Restructuring) Act, 2003, the Minister for Information Technology and Investment has established that all actions pending before any Court or Tribunal instituted by or against the Malta Drydocks or the Malta Shipbuilidng Company Ltd shall be continued by or against Mr Saviour Gauci, a public officer at the Ministry of Finance and Economic Affairs, on behalf of the Government.

23rd January, 2004

Nru. 60

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPIEG)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 60

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg *Industrial and Employment Relations*	19-23.01.2004

It-23 ta' Jannar, 2004

23rd January, 2004

Nru. 61

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Malcolm Micallef	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	30.01-08.02.2004

It-23 ta' Jannar, 2004

No. 61

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

23rd January, 2004

Nru. 62

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Marco Burlò, LL.D. bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Christine Abela, LL.D. sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mit-8 ta' Jananr, 2004 sat-18 ta' Jannar, 2004.

Għar-Reġistratur
Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili

Id-19 ta' Jannar, 2004

No. 62

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlò, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for the Acts of Notary Dr Christine Abela, LL.D. during the latter's absence from these Islands from the 8th January, 2004 till the 18th January, 2004.

F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

19th January, 2004

Nru. 63

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-

No. 63

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article

Artikolu 40 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ biex jaraw il-kompetenza ta' persuni li xogholhom ikollu x'jaqsam mas-sengħa tal-ġardinaġġ.

Chairperson
Is-Sur Joseph Buhagiar

Membri Tekniċi
Is-Sur Paul Debattista
Is-Sur Herman J. Scifo

Rappreżentant ta' l-ETC
Is-Sur Joseph Saliba

It-23 ta' Jannar, 2004

40 of the Employment and Training Services Act 1990 to assess the competence of persons performing duties related to the gardening trade.

Chairperson
Mr Joseph Buhagiar

Technical Members
Mr Paul Debattista
Mr Herman J. Scifo

ETC Representative
Mr Joseph Saliba

23rd January, 2004

Nru. 64

BORD DWAR IL-PILUTAĠĠ

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li skond l-Artiklu 55 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni nnomina lis-Sur Emanuel Zammit bħala membru tal-Bord dwar il-Pilutaġġ b'seħħ mis-26 ta' Jannar, 2004.

It-23 ta' Jannar, 2004

No. 64

PILOTAGE BOARD

IT is notified for general information that in terms of Article 55 of the Malta Maritime Authority Act, the Minister for Transport and Communications has appointed Mr Emanuel Zammit as member of the Pilotage Board with effect from 26th January, 2004.

23rd January, 2004

Nru. 65

MINISTRU TAS-SAĦĦA

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru tas-Saħħa qed jestendi bi tliet xhur, sal-31 ta' Marzu, 2004, il-liċenzja temporanja maħruġa lil Nebojsa Milenkovic.

It-23 ta' Jannar, 2004

No. 65

MINISTRY OF HEALTH

IT is hereby notified that the Minister of Health has extended, by a period of three months, till the 31st March 2004, the temporary licence granted to Nebosja Milenkovic.

23rd January, 2004

Nru. 66

ATT TA' L-1989 DWAR IL-PROMOZZJONI TA' PRODOTTI LOKALI

(ARTIKOLU 9)

Eżenzjoni minn Ħlas ta' Imposta

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat moħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, il-Ministru responsabbli għall-Industrija approva l-eżenzjonijiet li ġejjin minn ħlas ta' imposta.

It-23 ta' Jannar, 2004

No. 66

LOCAL MANUFACTURES (PROMOTION) ACT, 1989

(SECTION 9)

Exemption from Payment of Levy

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred upon him by section 9 of the Local Manufactures (Promotion) Act, 1989, the Minister responsible for Industry has approved the following exemptions from payment of levy.

23rd January, 2004

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
1601.00.99.20	P.J. Sutters Co. Ltd.	Mortadella Siciliana	120 kgs	05/01/04
1602.32.19.00	Food Operations Ltd.	Chicken Supreme – BK Chicken Pick 'em ups – BK Chicken Whopper Jnr. 3.102 – BK Chicken Whopper 4.7 oz – BK	4000 kgs 4000 kgs 2500 kgs 3000 kgs	05/01/04
1901.20.00.00	Maltos Co. Ltd.	Tegral Kernebrod	450 kgs	05/01/04
1517.90.91.00	IMC Ltd.	Edible vegetable oil	15000 litres	01/01/04 to 30/06/04
1101.00.11.00 1101.00.15.00	IMC Ltd.	Durum wheat Common wheat & spelt flour	40000 kgs 40000 kgs	01/01/04 to 30/06/04
0203.29.11.00 0203.29.55.00	Prime Ltd.	Frozen pork collars boneless Frozen pork shoulder boneless Frozen pork loins boneless	2000 kgs 9000 kgs 3000 kgs	05/01/04
1601.00.99.20	Primrose General Trading	Mortadella with olives	150 kgs	06/01/04
0203.22.11.00 0203.29.55.00	Jolly Ltd.	Bone-in pork legs Boneless pork shoulders Boneless pork collar	3000 kgs 6000 kgs 5000 kgs	06/01/04
0406.10.80.00	Strand Palace Agencies Ltd.	450 x 6 x 125grms Mozzarella di Bufala	337.5 kgs	06/01/04
1601.00.99.19 1602.32.11.00	Valhmor Borg Import/ Export Ltd.	1100 cases Fast Ready Meals	2844 kgs	06/01/04

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
1601.00.99.19 1602.32.11.00	Valhmor Borg Import/ Export Ltd.	1200 cases Fast Ready Meals	14082 kgs	06/01/04
1602.39.40.00	Valhmor Borg Import/ Export Ltd.	Frozen breaded chicken steaks with cornflakes	9792 kgs	06/01/04
2203.00.10.90	Simonds Farsons Cisk p.l.c.	Beer in bulk partially processed for further processing	21200 litres	07/01/04
0202.20.50.00	Valhmor Borg Import/ Export Ltd.	Frozen veal shortloins	5000 kgs	07/01/04
0710.80.69.00	Valhmor Borg Import/ Export Ltd.	Frozen whole/sliced mushrooms	5000 kgs	08/01/04
1601.00.99.19	Micallef & Zammit (Mktg.) Ltd.	Jambonella with olives Jambonella with garlic	2592 kgs 2048 kgs	08/01/04
1602.31.90.00 1602.32.11.00 1602.32.30.00	Poultry Products Ltd.	Gust Or' Rotolo di Terracotta Bocconcini alla Romagna (prepared chicken with ham/ cheese) Breaded chicken with ham/cheese Cordon Bleu Breaded chicken cutlets with spinach Spinacette	5000 kgs 5000 kgs 5000 kgs 5000 kgs	08/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	90 cases Cordon Bleu 42 cases Bocconcini Dipetto di Pollo	202.5 kgs 109.2 kgs	08/01/04
0203.29.15.00 0203.29.55.00	Dewfresh Products Ltd.	Pork bellies Pork shoulders Pork collars	2000 kgs 8000 kgs 3000 kgs	12/01/04
0203.29.15.00	Chef Choice Ltd.	Frozen pork spare ribs	4000 kgs	12/01/04
0203.29.15.00	Marsa Meat Packers	Boneless pork bellies	3500 kgs	12/01/04
0203.29.11.00 0203.29.15.00 0203.29.55.00	Prime Ltd.	Frozen pork collars boneless Frozen pork belly boneless Frozen pork shoulders boneless Frozen pork loin boneless	6000 kgs 2000 kgs 25000 kgs 9000 kgs	12/01/04
0701.90.90.00	Peel 'n Go Potato Products Ltd.	Ware potatoes	25 m. tonnes	13/01/04
2002.90.91.90	Strand Palace Agencies Ltd.	Sun dried tomatoes	500 kgs	13/01/04
2309.90.97.00	Robert Feeds	645 bags x 20 kgs per bag Saracen horse feeds	12900 kgs	13/01/04
0207.13.60.00	Chef Choice Ltd.	Chicken pieces for further production	50000 kgs	13/01/04

Nru. 67

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16. 01. 04	Lm4.54c5	8c0
19. 01. 04	Lm4.57c4	8c1
20. 01. 04	Lm4.58c9	8c1
21. 01. 04	Lm4.58c1	8c1
22. 01. 04	Lm4.53c6	8c0

It-23 ta' Jannar, 2004

No. 67

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

23rd January, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 5

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Jannar 2004 bejn l-10.00 a.m. u l-5.30 p.m. minn Triq Schembri minn kantuniera ma' Triq Mile End sa kantuniera ma Triq Alexander, Triq Alexander u Triq Mile End minn kantuniera ma' Triq Schembri sal-fabbrika tal-Malta Dairy Products.

Il-vetturi misjuba qed jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Jannar, 2004

POLICE NOTICE

No. 5

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit or diversion of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Ħamrun

On Sunday, 25th January 2004 between 10.00 a.m. and 5.30 p.m. through Triq Schembri from corner with Triq Mile End to corner with Triq Alexander, Triq Alexander and Triq Mile End from corner with Triq Schembri to the Malta Dairy Products's factory.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

23rd January, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi ser issir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Rabat (M).

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-23 ta' Jannar, 2004

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Rabat (M).

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

23rd January, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma ser ikunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, nhar it-Tnejn 26, it-Tlieta 27 u l-Erbgħa 28 ta' Jannar, 2004, mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Rabat (M).

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-23 ta' Jannar, 2004

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Monday 26th, Tuesday 27th and Wednesday 28th January, 2004 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Rabat (M).

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

23rd January, 2004

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2004

Il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee)* fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għal proposti għas-Sena 2004 minghand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Chairman*/Direttur Kliniku, Konsulent, *Senior Registrar,* u Uffiċjal Mediku Prinċipali, impjegati fis-Setturi tas-Saħħa, inklużi dawk impjegati mill-Ministeru ta' Għawdex u d-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi Komunitarji.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fil-Ministeru tas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03, sa mhux aktar tard mis-27 ta' Frar, 2004. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Uffiċjali eliġibbli jistgħu jiksbu kopja tal-formola ta' l-applikazzjoni u kundizzjonijiet mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa http://www.health.gov.mt/forms/medicaldoctors/audit.pdf jew permess taċ-Ċirkulari Nru. DH/18/2004. Għal iżjed tagħrif jistgħu jikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon 22992231.

It-23 ta' Jannar, 2004

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2004

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2004 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairman/Director, Consultant, Senior Registrar, and Principal Medical Officer employed in the Health Sectors, including those employed by the Ministry for Gozo and the Department for the Elderly and Community Services.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at the Ministry of Health, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03, by not later than 27th February, 2004. Late applications will not be considered.

Eligible officers may obtain a copy of the application form and the relative conditions from the Health Division website: http://www.health.gov.mt/forms/medical_doctors/audit.pdf or by means of DH Circular No. 18/2004. For further information contract the Executive Secretary at the QAIAC Office on telephone number 22992231.

23rd January, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Ingaġġ fuq Kuntratt ta' *Schoolnet Internet Portal Co-ordinator* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq, fin-*notice-board* tal-*Customer Care Unit* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex. Wieħed jista' jara r-riżultat ukoll fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-23 ta' Jannar, 2004

EDUCATION DIVISION

Result of Interview for the Posts of Subject Coordinator in the Primary Sector in the Education Division

The Department of Education notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board at the Education Division, at the Education Department, Floriana, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the notice-board of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo.

23rd January, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' *Subject Coordinator in the Primary Sector* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmi hawn fuq qiegħed jintwera fuq in-*notice-board* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

It-23 ta' Jannar, 2004

EDUCATION DIVISION

Result of Interview for the Posts of Subject Coordinator in the Primary Sector in the Education Division

The Department of Education notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board at the Education Division, at the Education Department, Floriana, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the notice-board of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo.

23rd January, 2004

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Assistant Principal Speech Therapist
Temporary Principal Scientific Officer (Nutrition)

It-23 ta' Jannar, 2004

DEPARTMENT OF HEALTH

Results of Interviews for Posts in the Health Division

The Director General notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Assistant Principal Speech Therapist
Temporary Principal Scientific Officer (Nutrition)

23rd January, 2004

DIPARTIMENT TA' L-AVJAZZJONI ĊIVILI

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd li ma ngħatawx kuntratti mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru, 2003.

It-23 ta' Jannar, 2004

DEPARTMENT OF CIVIL AVIATION

It is notified for general information that no contracts were awarded by the Department of Civil Aviation during the period between 1st October and 31st December, 2003.

23rd January, 2004

UFFIĊĊJU TAD-DWANA

Il-Kontrollur tad-Dwana jgħarraf illi matul is-sena 2003 il-kuntratti li ġejjin ingħataw kif ġej:

Avviż Nru. *Advt. No.*	Oġġett *Item*	Mogħtija lil *Awarded to*
A/1/03	Plastic seals	Serolf Trading Agency
A/2/03	Tin seals	J.F.J. Supplies Ltd.
A/3/03	Rain suits	Not awarded
A/4/03	Round/V neck pullovers	Yorkie Ltd.
A/5/03	Long/short sleeve shirts	Five Traders
A/6/03	C.C.T.V. Ħal Far	Not awarded
A/7/03	Rain suits	Calfam Ltd.
A/8/03	Cleaning services	Clentec Ltd.

It-23 ta' Jannar, 2004

CUSTOM HOUSE

The Comptroller of Customs notifies that during the year 2003 the following tenders were awarded as follows:-

23rd January, 2004

RADD TA' FLUS TAL-KUXJENZA

L-*Accountant General* jgħarraf illi fis-16 ta' Jannar 2001 irċieva s-somma ta' Lm400 bħala radd ta' flus tal-kuxjenza.

It-23 ta' Jannar, 2004

CONSCIENCE MONEY

The Accountant General acknowledges the receipts of the amount of Lm400 on 16th January 2001 as conscience money.

23rd January, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 300/2003. Provvista ta' tagħmir għall-*Monitoring* għad-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent. Proġett ta' l-*E.U.* - Ref: B7-040 MT2002 *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.*

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th January, 2004, for:

CT 300/2003. Supply of monitoring equipment for the Plant Health Department, Ministry for Rural Affairs and the Environment. E.U. Project - Ref: B7-040 MT2002 National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-29 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 335/2003. Provvista ta' pilloli *mesalazine 400mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 336/2003. Provvista ta' pilloli *antacid compound preparation* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 337/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *isosorbide dinitrate 10mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 338/2003. Provvista ta' pilloli *sodium valproate 200mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 339/2003. Provvista ta' pilloli *naltrexone 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 340/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *propofol 200mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 341/2003. Provvista ta' *gauze swabs*, qies 30cm x 30cm - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 342/2003. Disinjar u implimentazzjoni ta' *structural anchor system* u xi xogħlijiet ta' restawr fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet f'Sant Iermu - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 343/2003. Servizzi ta' konsulenza relatata ma' l-*Agricultural Waste Management Plan* għall-Gżejjer Maltin - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-3 ta' Frar, 2004, għal:

CT 344/2003. Provvista ta' *sodium valproate oral solution* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 345/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *flumazenil 500mcg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 346/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *ondansetron 8mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 347/2003. Provvista ta' kapsoli *trifluoperazine 2mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 348/2003. Provvista ta' pilloli *topiramate 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 349/2003. Provvista ta' *ipratropium brominde nebuliser solution* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Id-Direttur tal-Kuntratti javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 29th January, 2004, for:

CT 335/2003. Supply of mesalazine 400mg tablets - Health Division.

CT 336/2003. Supply of antacid compound preparation tablets - Health Division.

CT 337/2003. Supply of isosorbide dinitrate 10mg injections - Health Division.

CT 338/2003. Supply of sodium valproate 200mg tablets - Health Division.

CT 339/2003. Supply of naltrexone 50mg tablets - Health Division.

CT 340/2003. Supply of propofol 200mg injections - Health Division.

CT 341/2003. Supply of gauze swabs, size 30cm x 30cm - Health Division.

CT 342/2003. Design and implementation of structural anchor system and some restoration works at St Elmo Examination Centre - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 343/2003. Consultancy services related to the Agricultural Waste Management Plan for the Maltese Islands - Ministry of Rural Affairs and the Environment. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 3rd February, 2004, for:

CT 344/2003. Supply of sodium valproate oral solution - Health Division.

CT 345/2003. Supply of flumazenil 500mcg injections - Health Division.

CT 346/2003. Supply of ondansetron 8mg injections - Health Division.

CT 347/2003. Supply of trifluoperazine 2mg capsules - Health Division.

CT 348/2003. Supply of topiramate 50mg tablets - Health Division.

CT 349/2003. Supply of ipratropium brominde nebuliser solution - Health Division.

The Director of Contracts notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 350/2003. Provvista ta' *pulmonary surfactant for intratracheal use* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 351/2003. Provvista ta' *insulin neutral solution – short acting* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 352/2003. Provvista ta' pilloli *amitrypline HCL* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 353/2003. Provvista ta' *pulmonary surfactant for intra-tracheal use* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 354/2003. Provvista ta' *salbutamol 100mcg inhaler HP* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 355/2003. Provvista ta' *BCG vaccine* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-5 ta' Frar, 2004, għal:

CT 356/2003. Bini ta' appartamenti, garaxxijiet u ħanut fuq *Plot* 14, Vjal l-Indipendenza, iż-Żurrieq - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, wara li jitħallas id-dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 357/2003. Bini ta' appartamenti fuq *Plot* 22, Triq Ġużeppi d'Arena, Ħal Lew, il-Qrendi - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, wara li jitħallas id-dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 358/2003. Bini ta' appartamenti u garaxxijiet fuq *Plot* 4, Triq il-Kardinal Ferretti, Ħal Lija - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, wara li jitħallas id-dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 359/2003. Bini ta' ħajt ta' lqugħ u formazzjoni ta' triq f'San Pawl il-Baħar - Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtman,* Livell 3, Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Santa Venera, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm3 għal kull kopja ta' pjanta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Frar, 2004, għal:

CT 1/2004. Provvista, kummissjonar ta' *monitoring equipment* għad-Dipartiment tad-Drenaġġ. Proġett ta' l-E.U. - Ref: B7-040 MT2002 NP *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

CT 350/2003. Supply of pulmonary surfactant for intratracheal use - Health Division.

CT 351/2003. Supply of insulin neutral solution – short acting - Health Division.

CT 352/2003. Supply of amitrypline HCL tablets - Health Division.

CT 353/2003. Supply of pulmonary surfactant for intra-tracheal use - Health Division.

CT 354/2003. Supply of salbutamol 100mcg inhaler HP - Health Division.

CT 355/2003. Supply of BCG vaccine - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 5th February, 2004, for:

CT 356/2003. Construction of apartments, garages and a shop on Plot 14, Vjal l-Indipendenza, Żurrieq - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 357/2003. Construction of apartments on Plot 22, Triq Ġużeppi d'Arena, Ħal Lew, Qrendi - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 358/2003. Construction of apartments and garages on Plot 4, Triq il-Kardinal Ferretti, Lija - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 359/2003. Construction of retaining wall and road formation at St Paul's Bay - Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Level 3, Housing Construction and Maintenance Department, Santa Venera, between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm3 per copy of drawing.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th February, 2004, for:

CT 1/2004. Supply, delivery, commissioning of monitoring equipment for the Drainage Department. E.U. Project - Ref: B7-040 MT2002 NP National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

Sa l-10.00 a.m. tal-Ħamis, is-26 ta' Frar, 2004, għal:

CT 2/2004. Provvista ta' konkos tat-tip *ready mixed* għall-użu ġenerali u marittimu f'Għawdex (Sena 2004) - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas id-dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 3/2004. Provvista ta' pilloli *topiramate 100mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 4/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *flupentixol 100mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 5/2004. Provvista ta' *sevoflurane inhalation anaesthetic* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 6/2004. Provvista ta' pilloli *pergolide 1mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 7/2004. Provvista ta' *spare parts* għall-*General Motors Detroit Diesel V12-71 marine engines* - Forzi Armati ta' Malta.

CT 8/2004. Provvista ta' *incontinence bed pads* u *disposable adult nappies* - Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-Ħamis, it-18 ta' Marzu, 2004, għal:

*CT 11/2004. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' materjali u tagħmir għall-*viticultural activities in vineyards and the setting up of a Microvinification Unit, a Microbiology Laboratory and an Oenology Laboratory* inkluż *after sales services,* manutenzjoni u taħriġ fil-*Viticulture and Oenology Unit* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Proġett ta' l-E.U. - EuropeAid/116924/D/S/MT *National Pre-Accession Programme 2004 for Malta*.

Sa l-10.00 a.m. tal-Ħamis, it-22 ta' April, 2004, għal:

*CT 9/2004. Applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-bdiewa Maltin biex jirranġaw ħitan tas-sejjieħ mwaqqa li jinsabu f'għelieqi mtarrġa u li jservu biex jirfdu u jżommu l-ħamrija f'posta (taħt l-iskema tar-*Rural Stewardship)* - Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent). Il-formola ta' l-applikazzjoni li tinkludi tagħrif dettaljat dwar din l-iskema tista' tinkiseb mill-uffiċċji ta' l-*Extension Services* tal-Mosta, Ħaż-Żabbar, ir-Rabat, is-Siġġiewi, u miċ-Ċentru ta' l-Agrikultura Nazzjonali għar-Riċerka u Żvilupp, l-Għammieri, il-Marsa f'Malta u l-Uffiċċju ta' l-*IACS,* ir-Rabat, f'Għawdex bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, (7.00 a.m. sas-2.00 p.m.). Proġett ta' l-E.U. - Ref: NP2003 Numru tal-Proġett 4573/04.
